**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

**4 ta' Ġunju 2025**

Il-laqgħa numru 17 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, 2025, fil- 16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier (onlajn) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **17** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija avolja Daniel kien talab li jidħol onlajn peress li kien ma' jiflaħx |
| | |
| **17.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Il-minuti kienu imqassma b'email qabel. Ma ntbatux korrezzjonijiet u waqt il-laqgħa ma' kienx hemm korrezzjonijiet. Għalhekk il-minuti ġew approvati bil-proponent tkun Miriam u sekondant ikun Matthew. |
| | Il-Petty Cash u l-iskeda tal-pagamenti kienu ukoll approvati bil-proponent ikun Miriam u sekondant ikun Matthew |
| | |
| **17.2** | **Komunikazzjoni mis-sindku** |
| | Is-Sindku informa li fis-7 ta' Mejju kellu laqgħa mal-uffiċju tal-Prim Ministru fuq affarijiet pendenti li kien hemm fosthom:<br>- L-binja tal-ex Enemalta<br>Is-Sindku informa li l-Ministru tal-Edukazzjoni kien qal li ma jsibx oġġezzjoni li din is-sit tingħata lill-Kunsill għal użu tal-binja tal-kunsill u tal-komunita' u għalhekk ħeġġeġ lis-Sindku sabiex jibda l-proċeduri mad-dipartiment tal-artijiet.<br><br>- Umbrellel<br>Is-Sindku qal li ġie mistoqsi mill-Prim Ministru ala kien se jgħamel miżata ta' Euro 3 għal permess tal-umbrellel. Hu wieġeb sabiex ikun hemm l-ordni fuq ix-xatt imma wkoll sabiex il-kunsill idaħħal xi ħaġa peress li l-flus dejjem neqsin. Il-Prim Ministru qal li hekk din problema tal-flus għal kunsill l-OPM lest li jgħin ħalli dan id-dejn jitħallas u l-piż jittaffa. Għalhekk saqsewh x'dejn kellu l-kunsill u is-Sindku qal li kien se jinforma lil-Ministru sabiex jiddiskutu aktar kif dan id-dejn jista' jitħallas.<br><br>- Boat Trips<br>Is-sindku qal li apparti laqgħa mal-OPM hu kien iltaqa' ukoll mal-ON. Bonnett sabiex jiddiskuti l-boat Trips. Matthew qal li l-kunsill kien għamel il-permess bil-flus mhux minħabba l-flus biss imma sabiex tinħoloq pressjoni u tinstab soluzzjoni. Miriam irrimarkat li xorta ma nstabitx soluzzjoni. Matthew qal li hekk ser ikun hemm diversi operaturi li mhux se jkunu konformi mas-soluzzjoni. Daniel saqsa kemm kien hemm operaturi, u sindku wieġeb li m'għandux informazzjoni. Allura li qed isir, meta jiġu l-kunsill għal-permess dan jintbgħat TM għal approvazzjoni. Kif qegħdin bħalissa s-soluzzjoni mhix f'idejna imma f'idejn TM.<br><br>Daniel qal li fuq il-whatsapp chat kien bagħat sample ta' kif operaturi oħra f'lokalitajiet oħra joperaw. Matthew qal li hemm bżonn li l-kunsill jibqa' jagħafas mal-gvern sabiex jitħallas id-dejn u issir venda. Is-Sindku qal li hu kien |

| | |
|---|---|
| | qal lil On. Bonnett li l-umbrellel iridu jkunu uniformi bl-istess daqs u għamla u l-imwejjed ukoll. Dan anke għar-restoranti fejn hu kien qed jissuġġerixxi li jkunu ta' 3 jew 4 kuluri u naħa tal-ħajt ikunu creme. Miriam qalet li tar-restoranti hekk ikunu għadom kif xtraw l-umbrellel ser tkun diffiċli. Is-sindku wieġeb li għalhekk wieħed irid jipprepara għalija u tingħata ċertu żmien sabiex jiġu konformi. |
| | |
| | Peress li kien hemm l-accountant onlajn, is-Sindku qal li kien ikun aħjar li l-kunsill jiddiskuti l-finanzi biex imbgħad ikompli bli kien għad fadal fl-aġenda. |
| 17.5 | Approvazzjoni tal-Finanzi Q1 |
| | L-accountant qal li kien qed jippreżenta l-finanzi tal-ewwel 3 xhur tas-sena 2025. Bħala dħul kif kien diskuss 3 xhur ilu bil-budget, kien ta' 127K li kien ġej mil-allokazzjoni, l—byelaws, LES u affarijet oħra. Dan kien ftit inqas mill-budget, anke hekk il-LES qabeż il-budget. L-income l-ieħor jista' jkun hu inqas minħabba *seasonality*<br><br>L-accountant qal li l-infiq fuq il-pagi kien *inline* mal-budget u l-*operations u Maintenance* kien dak ta 42K. L-accountant spjega li qed jikkompara mal-budget peress li hu u DES kellhom target li jnaqssu l-FSI u jġibuha newtrali u għalhekk il-budget kien importanti. L-infiq tal-amministrazzjoni huma miżmuma baxxi u limitati. Kien hemm xi invoices li ma waslux, imma l-FS kien qed jieħodom in konsiderazzjoni ukoll. In-nefqa totali kienet dik ta 103K u għalhekk il-kunsill bħalissa kien f'surplus ta' 24K. L-FSI kien għadu fin-negattiv ta' (11) imma kien aħjar milli kien fil-budget.<br><br>Id-DES qalet li kif kien hemm l-accountant xtaqet tinforma l-kunsill li hi u l-accountant kellhom laqgħa onlajn mad-DLG fuq is-sitwazzjoni finanzjarja fejn dawn inataw rendikont ta' għala kien hemm defiċit u x'qed isir sabiex dan id-defiċit jiġi mtejjeb. Id-DES u l-accountant irrimarkaw ukoll waqt din il-laqgħa li l-allokazzjoni tal-kunsill kienet minima wisq għal influss ta' nies li jiġu jżuru dan il-lokal kemm barranin kif ukoll Maltin.<br><br>Matthew irrimarka li minn puntu di vista tal-amministrazzjoni u accounts u tajjeb li l-FSI qed jirnexxilna naqqsuha, imma il-kunsill ma jistax jibqa' jgħaddi bi sbrixx u ma' jistax jopera u jinvesti fil-komunita.<br><br>Hawnhekk ittieħed vot fuq il-Q1 b' 5 voti favur u ħadd kontra |
| | |
| **17.2** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku (kontinwazzjoni)** |
| | Is-Sindku informa li dawk li nar ta' Ħadd qed jarmaw fin-nofs, u li l-Kunsill kien prova jċaqlaqhom kienu bagħatu ittra bl-avukat fejn hu ġie akkużat u attakkat. Nhar il-Ħadd 1 ta' Ġunju is-Sindku kif ukoll il-puluzija u impjegata tal-Kunsill kienu marru biex jerġgħu jagħtu l-karta li dawn il-bejjiegħa kienu |

| | |
|---|---|
| | qalu li ma kellomx. Huma intgħalbu jiċċaqalqu għal ftit metri ġewwa l-pjazza stess. L-għada Tnejn huma ġew il-Kunsill u wieħed minnhom qal li Sindku korrot. Is-Sindku għamel rapport l-għassa. Matthew qal li hekk il-liġi tgħati setgħa lil-Kunsill dan it-tibdil għandu jsir.<br><br>Is-sindku qal li ser isir aktar tibdil minħabba naħa tal-ko-operattiva |
| | Is-Sindku informa li fl-14 ta' Mejju kien hemm laqgħa fil-ġnien il-ġdid li qed jagħmlu projectgreen bħala clarification għat-tender. Is-Sindku wera xewqa tiegħu li dan il-ġnien jingħata l-isem Ġnien Ġorġ ta' Kalċi. Il-Familja tiegħu kienu aċċettaw. Għalhekk ittieħed vot b'5 favur u xejn kontra.<br><br>Fl-istess ġurnata is-Sindku u DES kellhom meeting mal-MTA fuq il-latrini ta' Delimara. Dawn qablu mal-kunċett. |
| | Is-sindku informa li l-15 ta' Mejju flimkien mad-DES kellu meeting mal-On. Miriam Dalli fuq il-Carpark sabiex dan isir bil-pannelli, l-arbli tax-Xatt kif ukoll affarijiet oħra. Reno saqsa hekk in-naħa tad-djar kienux ser jinqalgħu u sindku qal li le. Matthew saqsa hekk forsi l-fanali jitnaqqsu ftit? Is-Sindku qal li inkella jkun hemm id-dlam. |
| | Is-sindku informa li fi 22 ta' Mejju hu u DES kellhom meeting ħabba l-Għar l-Aħmar biex jaraw kif jistgħu jutilizzaw il-flus tal-powerstation. Id-DES kienet saqsiet lil-ERA sabiex naraw li l-fondi li hemm fuq Marine għal Delimara, hekk ikunux jistgħu jiġu użati fil-bajja tal-Għar l-Aħmar. |
| | Is-sindku spjega li fis-16 ta' Mejju kellu laqgħa mal-Ministru Chris bonnet rigward:<br>- Il-Barumbara. Hawnhekk ħareġ il-permess u tħallset anke l-garanzija imma l-NGOs baqgħu jafsu u għalhekk is-sindku reġa' propona lil-ministru sabiex jgħaddi mill-isqaq u jinxtraw ftit artijiet. B'hekk il-barumbara tibqa' kif inhi. Matthew qal li xtaq jgħamel kjarifika. Hu qal li l-NGOs qed jallegaw li triq il-ġdida ħa tgħati aktar lok għal bini. Il-Kunsill kien propona li l-akwati isiru kollha ġnien. Is-Sindku qal li xtaq li jieħu vot fuq hekk il-gvern jiddeċiedi li juża l-isqaq u l-madwar għat-triq u l-barumbara tibqa kif inhi, l-area kollha tal-madwar tibqa Green Area.<br><br>Vot: kontra xejn, favur 5 |
| | Is-sindku qal li issa li beda s-sajf xtaq li l-kunsill jaqbel fuq is-sound għal-ħwienet. Is-Sena l-oħra kienu jitolbuna l-permessi u qatt ma nħarġu però hu kien qed jissuġġerixxi li din is-sena noħorġu permessi għal live music u mhux DJ jew bands jew playlist fuq barra.<br><br>Il-ħin maqbul għandu jkun hekk:<br>Il-Ġimgħa, u s-Sibt sal 23.00<br>Mill-Ħadd sal-Ħamis, sal 22.00<br><br>Dan sakemm il-ħoss ma jkunx qed idejjaq lil ġirien u tal-madwar. |
| | Id-DES spjegat li rċievet mingħand il-Crafts, SOLVIT, IMI and Copyright Commerce Department minħabba l-bejjiegħa li xtaqet tarma fil-monti jew fi Triq viċin tal-monti. Il-kunsill qabel li peress li kien hemm ħafna ċaqliq fil-posti minħabba li qed tiġi rranġata l-pompa tas-sajjieda, kif ukoll minħabba l-fatt li |

| | |
|---|---|
| | hemm waiting list, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jaċċetta din it-talba. |
| | Id-DES preżentat email għal kiosk fil-bajja tal-magħluq wara l-blokok u uriet ir-ritratti li kienu ntbgħatu mis-sid. Is- Sindku talab li il-kunsill jieħu vot. Il-Kunsill qabel unanimament li jsib oġġezzjoni għaliex il-kiosk kien se jibqa permanenti u mhux jitneħħa wara ġurnata tax-xogħol.<br><br>Voti favur: 5 Voti Kontra: 0 |
| | Is-Sindku preżenta email mingħand kumpanija tal-karozzi li xtaqet tagħmel event fil-pjazza billi teżebixxi l-karozzi tagħha u mbagħad tagħmel test drive. Il-Kunsill qabel b'5 voti li din l-attivita tista' issir sakemm hi ta' darba u sakemm tingħata donazzjoni lil-Kunsill. |
| | Is-Sindku preżenta email mingħand Calypso radio fuq riklamar għal-lokal. Il-Kunsill qabel li din it-talba ma tkunx aċċettata |
| | Is-Sindku preżenta talba mingħand il-każin tal-Banda għal għeluq tat-triq u bar fuq il-bankina fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan. |
| | Is-sindku qal li il-ħruġ tan-niċċa jsir fl-24 ta' Lulju u dan jiġi barra mill-ġimgħa tal-festa u għalhekk l-għaqiet kien ser ikollom iħallsu għas-servizzi li jordnaw. Għalhekk hu kien qed jisuġerixxi li bħala kunsill issir attività ta' ravjulata b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet. Fuq dan kien hemm qbil |
| | Is-Sindku qal li fil-25 ta' Lulju issir Festa Tfal. Is-sena l-oħra l-Kunsill kien ġab bouncing castle bl-ilma. Is-Sindku qal li wara l-esperjenza tas-sena l-oħra hu qed jissuġġerixxi li ma nġibux bouncing castle minħabba safety. Id-DES qalet li l-insurance ma tkoprix bouncy castles u għalhekk l-aħjar li nifttxu xi logħob ieħor. Matthew qal li kien se jikkuntattja lil kumpanija sabiex naraw x'jistgħu joffru. |
| | Is-Sindku qal li fuq Sqaq Busbiesi, tkellem mal-propjetarju tal-faċċata u din ma xtaqitx li mal-faċċata jkollha impenġi t-tifel li miet. Għalhekk il-kunsill kellu jaħseb f'xi ħaġa oħra. |
| | Is-Sindku informa li kien hemm Binja fil-housing estate li nxtara l-isqaq ta' ħdejha. Dan l-isqaq jinsab eżatt fil-bokka tal-wied u għalhekk hekk ser jinbena, il-garaxxijiet kienu ser jerqu għax mhemmx fejn imur l-ilma. Matthew issuġġerixxa li tintbgħat email lil-istorm water services qabel ma jinbena ħalli l-kunsill ikun pro-attiv u javża qabel. |
| | |
| **17.4** | **Approvazzjoni tal-pagamenti u petty Cash** |
| | Il-kunsill ġie preżentat bl-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Dawn ġew approvati unanimament |
| | |
| **17.3** | **Mistoqsijiet** |
| | Miriam saqsiet fuq il-mera ta' Delimara. Is-Sindku wieġeb li għadhom ma waslux. Kif jaslu jitwaħħlu.<br><br>Miriam saqsiet ukoll fuq toqba fi Triq Melqart. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur għadu għaddej. |

| | |
|---|---|
| | Reno saqsa fuq Triq San Franġisk hekk id-disability parking jistax jitneħħa u titla' l-fuq. Is-Sindku qal li tgħamel x'tgħamel xorta mhux se solvi l-problema ta' min jipparkja bl-addoċċ.<br><br>Daniel saqsa fuq id-dgħajjes li tellgħu quddiem ir-Rising sun. Is-Sindku qal li kienu ser jitwaħħlu l-karti<br><br>Matthew qal li l-ERA kienu ħarġu tender għax-xogħolijiet f'tal-Ballut. Matthew saqsa hekk saritx it-talba għal-iswimming zone. Is-Sindku ikkonferma li iva, u tħallset ukoll il-miżata li ntgħalbet. Matthew saqsa ukoll fuq ċint fi Triq Bartelemy li kien il-barra u hemm DYL. Is-Sindku qal li hemm jiddaħħlu xi inġenji kbar fl-għalqa li ma jkunux jistgħu iduru.<br><br>Matthew saqsa ukoll meta hi data tal-fishfest? Is-Sindku qal li ma kellux ħjiel, imma li kien ser isaqsi lil-On. Alicia Bugeja Said meta ssir il-laqgħa magħha. Matthew qal ukoll li għal fish fest kien isir festoon li joħloq ambjent sabiħ għas-sajf. Hu issuġġerixxa li ssir talba lil MTA għal festoon sabiex jibqa hemm is-sajf kollu. Is-Sindku qal li ser ikun qed jibgħat din it-talba.<br><br>Matthew saqsa x'ġara mir-roundabout tas-silġ u għax din baqgħet nofs leħja? Is-Sindku wieġeb li waqfu sabiex jagħmlu arblu u bank u xi xtili imma xogħol ser jitkompla. Matthew qal li d-dawl fit-toroq ta' madwar Triq l-Arznell (naħa tal-ground) kien ilu jinqata aktar sena u qal li trid tinstab soluzjoni biex ir-residenti f'dawn it-toroq ma jibqgħux b'dan l-inkonvenjent kontinwu. Miriam saħqet li mhux hemm biss. Is-Sindku wieġeb li hu jissuspetta li dan qed isir minħabba xogħolijiet li qed isiru fuq is-substation. Hu qal li ser jiċċekkja mal-ministeru fuq meta ser titlesta sub station tal-ground.<br><br>Matthew saqsa ukoll fuq l-għeluq tax-xatt issa li x-xogħlijiet fi Triq l-Arznell huma lesti. Is-Sindku qal li dan għandu jiġi diskuss f'laqgħa li jmiss, minħabba li qabel issir it-triq skontu dan ma jistax isir. Reno ġibed l-attenzjoni li jrid ikun hemm soluzjoni sabiex Triq Bartelemy ma tibqax tinfetaħ u tingħalaq. Matthew qal li jekk il-problema hi l-iskola, x-xatt għandu jingħalaq fl-Lulju u Awwissu sal-Fishfest. Triq l-Arżnell u Triq Bartelemy irridu jiġu kontra xulxin. |
| | |
| **17.6** | **Mozzjoni tad-devoluzzjoni għal binja l-ġdida tal-kunsill** |
| | Is-Sindku presenta mozzjoni fuq id-devoluzzjoni għal binja l-ġdida tal-kunsill. Hu spjega li l-fondi għalija ser jintużaw l-fondi tad-DPF fund. Din il-mozzjoni kienet is-sekondata minn Daniel Zerafa<br><br>Voti Favur: 5<br>Voti Kontra: 0 |
| | |
| **17.7** | **Mozzjoni tad-devoluzzjoni ta' diversi postijiet sabiex isiru ġonna** |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku preżenta mozzjoni għad-devoluzzjoni ta' diversi postijiet sabiex dawn isiru ġonna, fosthom:<br>Port Ruman – Jogging Track<br>Triq Bir Rikka – hawn is-sindku issuġġerixxa li dan jissemma' għat-tifel li għereq tas-Simshar<br>Parking ta' naħa ta' Port Ruman<br>Tas-Silġ<br>Is-Sindku wera l-postijiet fuq il-pjanta lil-Kunsilliera.<br><br>Din il-mozzjoni ġiet approvata b'ħames voti favur u xejn kontra. |
| | |
| **17.8** | **Board għal pożizzjoni għas-Segretarju Eżekuttiv** |
| | Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva kandidat wieħed għal din il-pożizzjoni mid-diviżjoni. Għalhekk hu kien qed jipproponi li hu jkun ic-chairman tal-bord tal-intervisti, flimkien ma Reno u Daniel. Kulħadd qabel ma dan il-bord. |
| | |
| **17.9** | **Board għal-evalwazzjoni tat-Tender tal-Karozza** |
| | Is-Sindku informa li kien hemm il-bżonn li jiġi evalwat it-Tender tal-Karozza li l-fondi għalija kienu ser jiġu mil-LESA. Għaldaqstant hu propona lil:<br>Matthew bħala chairman, Duncan Hall, Elaine Caruana u Fredrick Zammit bħala evalwaturi. Kulħadd qabel ma dan il-bord. |
| | |
| **17.10** | **Planning Authority** |
| | Daniel informa li kien approvat il-permess tal-latrini. Il-Kunsill kien weħel multa ta' Euro 900 |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 19.15. Il-Laqgħa li jmiss kienet ser issir nhar id-9 ta' Lulju fl-16.30. |

Konfermati, illum 9 ta' Lulju, 2025.

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

_________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

_________________________

***Sekondant***